MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 49**

**Il-Ħamis, 22 ta' Diċembru 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis, 22 ta' Diċembru 2022, fil-17:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



S. Borg

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 49.1 Talba

49.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17:30 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 49.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

49.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 49.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 48

49.3.1 Ġew ippreżentati u approvati il-Minuti numru 48 li ġew ppreparati u ppreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Heidi Grech.

## 49.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

49.4.1 Saret l-attivita' ta' Jum il-Kunsill li bdiet b'quddiesa ta' radd il-ħajr u għalija attendew s-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivana tal-Kunsill. Wara li ntemmet l-attivita' fil-Knisja Parrokkjali, sar it-tqegħid tal-fjuri mall-Monumenti tas-Sajjieda u tal-Logħob tan-Nar kif ukoll quddiem in-niċċa storika tas-Salvatur mis-Sindku fil-preżenza tal-membri tal-kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kappillan il-Kan. Dun Simon Cachia. Imbagħad saret l-inawgurazzjoni tal-proġett ta' tisbiħ bil-porfido wara s-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali u parti minn trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali, li ġie mbierek mill-Kappillan. Is-Sindku kixef lapida kommemorattiva għal din l-okkazzjoni. Is-Serata kompliet b'attivita fis-Sala tal-Komunita, li għaliha attendiet ukoll il-Viċi Sindku, fejn is-Sur Jacob Portelli ppreżenta siltiet mużikali bl-Arpa lil udjenża preżenti filwaqt li l-attivita kompliet b'riceviment. Is-Siltiet mużikali saru bl-Arpa minħabba li l-grupp Quartet ma setgħax jattendi minħabba npenji oħra. Is-Sindku għamel messaġġ tal-okkazzjoni dwar il-ħidma li wettaq il-kunsill u dak proġettat għaż-żmien li ġej u ippreżenta wkoll trofew u midalja lis-Sur Jacob Portelli li din is-sena ngħata l-unur Ġieħ il-Fontana. Għal din l-okkazzjoni ġew mżanżna il-Bandalora bl-Arma tal-Kunsill kif ukoll l-Podium.

49.4.2 Saret ħarġa soċjo-kulturali f'Malta u għaliha attendew 20 persuna flimkien mas-Sindku. Żorna l-Belt ta' Bormla fl-okkażjoni tal-festa tal-Kunċizzjoni, Marsaxlokk, wirja tal-presepji fir-Rabat u Ta' Qali. Il-ħarġa soċjo-kulturali f'Għawdex ġiet posposta minħabba li fl-istess ġurnata kien hemm attivita' oħra mtella minn Ministru għall-Anzjanita Attiva.

49.4.3 Saret il-laqgħa dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali li saret ġewwa l-Għarb. Għal din il-laqgħa attendiet l-Hon. Segretarju Parlamentari s-Sinjura Alison Żerafa Civelli li



S. Borg

hija responsabbli mill-Kunsilli. Is-Sindku semma li f'din il-laqgħa is-Sinjura Żerafa Civelli semmiet li l-iskema ta' Żvilupp u titjib ta' Latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex mhux se taffettwa d-dritt tal-pussess imma se jibqgħu f'idejn il-Kunsilli rispettivi.

49.4.4 Sar it-tiżjin tal-Milied fit-toroq Kardinal Alessandro Franchi kif ukoll fi Triq John Gaspard le Merchant u anka fi Triq il-Għajn bejn Pjazza Tomba u l-Knisja Parrokkjali. Bdew jinbidlu l-bozoz fejn kien hemm bżonn mill-kuntrattur Joe Louis. Sar ukoll maintenance tas-siġġijiet li jintużaw għal-laqgħa tal-Kunsill billi sarilhom wiċċ bi drapp ġdid. Tħawlu wkoll ix-xtieli kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti.

49.4.5 Mit-2 ta' Jannar se jidħol fis-seħħ kuntratt ġdid għall-ġbir ta' skart li jkopri Għawdex kollu u huwa mmaniġjat mir-Reġjun. Dan jġib miegħu skeda ta' ġbir differenti. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa jekk il-kuntrattur preżenti tal-Kunsill hux se jispiċċa u jekk hux se jkun hemm kontinwazzjoni ta' servizz. Aħna nfurmati li l-ġbir se jibqa għaddej b'mod normali pero bħala kuntrattur nafu biss li huwa l-KIP u aħna mar-Reġjun biss għandna x'naqsmu.

49.4.6 Is-Sindku semma li rċieva talba sabiex fi triq il-Qalb ta' Ġesu jsiru l-kaxxi tal-parkeġġ. Kien hemm qbil u għalhekk se nkunu qed nkellmu surveyor sabiex isir l-istudju neċessarju.

49.4.7 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar żvilupp tal-permess PA/04694/21 fil-fond ta' Wied Siekel li għalih kienet saret oġġezzjoni mill-Kunsill. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-permess ġie approvat fil-11ta' Ottubru 2022. Kopja tad-deċizjoni qegħda tiġi hawn mehmuża u mmarkata bħala dokument A.

**49.5 Rapport ta' Evalwazzjoni**

49.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-Rapport ta' Evalwazzjoni ppreparat mill-bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill dwar il-25 bank ġodda fit-toroq John Gaspard le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi. Kien hemm ħdax il-offerta. Il-bord tal-evalwazzjoni jirrikomanda li l-offerta tingħata lil Green Skip Services Limited għall-ammont ta' €11,760.00 Vat eskluż. Kien hemm qbil unanimu u r-rapport ġie approvat.

**49.6 Fond ta' Aġġustament**

49.6.1 Is-Segretarja Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-allokazzjoni finanzjarja relatati mal-fond ta' aġġustament, minkejja li ġew approvati mid-dipartiment tal-gvern lokali baqgħu ma ġewx depożitati fil-kont bankarju tal-Kunsill u għalhekk qegħdin isiru l-verifiki mat-teżor. Il-Kunsill qiegħed jikkomunika mad-dipartiment sabiex jingħata risposta kemm jista jkun malajr u nassiguraw li dawn il-fondi liema jammontaw għal €3669.

**49.7 Ħruġ u għoti ta' Offerti**

49.7.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri bl-istadju tal-offerti kollha. L-offerti għall-akkwist tal-fanali kif ukoll l-offerta għat-tiżbiħ tal-playingfield jinsabu bi stadju ta' evalwazzjoni. Qegħdin nieħdu ħsieb sabiex jiġu ppreparati l-Bill of Quantities għal xogħol ta' tiżbiħ bil-porfido taħt ir-railing u fuq talba tal-Perit Toni Bezzina, tlabna lil Surveyor Andrew Mizzi sabiex jipprovdi survey tat-triq. Dan sabiex jkun jistgħu jiġu ffinalizzati l-Bill of quantities u tkun tista toħroġ s-sejħa għall-offerti. Dwar ix-xogħol tat-twaqqigħ tal-fond 190, 191 fi Triq il-Għajn, kantuniera ma' Triq ta' Mulejja, l-Perit Gordon Vella talab wkoll li jsir survey li se jkun qed isir malli jitwaqqa l-fond minn l-istess Surveyor Andrew Mizzi.

### 49.8 Offerti għall-akkwist ta' Bollards għall-żona pedonali wara l-Knisja u Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali.

49.8.1 Is-Segretarja għamlet referenza għal-laqgħa li kienet saret fl-14ta' Ottubru 2022 bejn il-Perit Toni Bezzina u t-Transport Malta. Kien ġie deċiż li jrid isir a *physical delineation*, jiġifieri li jkun hemm a *physical block*. Għandhom jitpoġġew bollards sabiex l-ebda vettura ma tkun tista tidħol f'din iż-żona pedonali.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li talbet tlett kwotazzjonijiet u rċeviet żewġ kwotazzjonijiet ta' steel bollards mingħand żewġ kuntratturi li ġew ppreżentati. Ġie maqbul li l-bollards għandhom jkunu itwal u minn materjal ta'plastiku u mhux ħadid ħalli nevitaw li xi ħadd jweġġa magħhom.

### 49.9 Resurfacing ta' Parti minn Triq il-Għajn

49.9.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li kif kien maqbul fil-laqgħat preċedenti, l-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2022, saret komunikazzjoni mad-Direttur Ġenerali, s-Sinjura Vicky Xuereb dwar il-finanzjament mill-Ministeru għal Għawdex sabiex isir xogħol ta' resurfacing f'parti minn Triq il-Għajn, bejn Pjazza Tomba u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, Fontana. Il-Kunsill ressaq it-talba sabiex il-Ministeru Għal Għawdex jalloka l-ammont ta' €57,635 sabiex dan ix-xogħol jkun jista jsir. Dan minħabba li l-estimi sabiex jitwettaq dan ix-xogħol jaqbeż il-finanzjament allokat mill-Ministeru Għal Għawdex.

### 49.10 Proġett ta' tkomplija tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku

48.10.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-proġett tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku mixi, twaħħlu l-arbli mill-Kunsill, nqalgħu l-linji tad-dawl mill-Enemalta kif ukoll nqala l-meter tal-ilma. Peress li waqt il-laqgħa rriżulta li l-meter tad-dawl għadu ma nqalgħax ġie miftiehem li l-kunsillier Carmel Farrugia għandu jkellem lill-inġinier tal-Enemalta biex dan jinqala'. Il-Perit Gordon Vella ħa ħsieb li japplika għall-*Commencment notice* u qegħdin nistennew li nirċievu l-clearance mingħand il-*Building and Construction Authority.*

### 49.11 Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2023

Is-Segretarja nfurmat lill-membri bl-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2023 li hi €189,239 u €3,281 li hija l-allokazzjoni għal fond ta' aġġustament għas-sena 2023.

## 49.12 Draft Agreement Document bejn il-Kunsill u l-Knisja Parrokkjali dwar ir-Restawr tal-Istatwi ta' San Pietru u San Pawl

Is-Segretarja preżentat Kuntratt li ġie mfassal u ppreparat mill-Perit tal-Kurja Veskovili, s-Sinjura Ivana Vella. Dan il-Kuntratt se jkun qed jikkonferma li l-Kunsill Lokali tal-Fontana se jkun qed ikopri l-ispejjeż relatati mar-restawr tal-Istatwi ta' San Pietru u San Pawl li qegħdin fill-faċċata tal-Knisja Parrokkjali. Kien hemm qbil unanimu u dan il-Kuntratt se jiġi ffirmat mill-Kappillan, Rev. Simon M Cachia u S-Sur Anthony Bezzina għal-parti tal-Kurja u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku għal-parti tal-Kunsill.

Wara li l-Kuntratt jiġi ffirmat, il-Kunsill jibda billi jqabbad surveryor sabiex jagħmel studju tax-xogħol u b'hekk l -Perita Farrugia tkun tista tmexxi bl-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Kopja mehmuża mall-Minuti mmarkata bħala Dokument B.

## 49.13 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

49.13.1 Korrispondenza mingħand GO plc fejn infurmawna li se jkunu qed ineħħu l-cardphone box u ressqu t-talba sabiex teħel xi mkien ħdejn il-Knisja. Kien hemm qbil li nissuġġerixxu sabiex titpoġġa fil-playingfield.

49.13.2 Ġejna nfurmati mill-Bank Of Valletta li t-tariffi Amministrattiva se tiżdied minn €10 għal €30 kull xahar.

49.13.3 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex fejn ġejna nfurmati li se jibdew jippublikaw lista ta' avvenimenti li jkunu se jsiru mill-Kunsilli Lokali kull xahar. Għalhekk qed niġu mitluba ninfurmawhom bl-avvenimenti sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel ix-xahar li jkun imiss.

49.13.4 Korrispondenza mingħand ACR Malta b'informazzjoni sabiex wieħed jissieħeb bħala membru mal-Assoċċjazzjoni.

49.13.5 Irċevejna ittra mingħand is-Sur Joe M Attard dwar il-ktieb L-Għanja tat-Tifkira li qed jiġi offrut għall-prezz ta' €10. Kien hemm qbil unanimu sabiex nixtru 2 kopji minn dawn il-kotba.

49.13.6 Irċivejna ittra mingħand l-Għaqda Armar Fontana fejn qed iressqu t-talba sabiex jużaw is-Sala tal-Kommunita il-Ħamis, 9 ta' Frar 2023 għall-attivita relatata ma Jum San Valentinu. Is-Sindku ppropona u l-membri kollha qablu li noffru l-użu tas-Sala tal-Kommunita' għal din l-attivita' bil-kundizzjoni li l-attivita tkun imtella bill-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

49.13.7 Korrispondenza mid-DLG b'informazzjoni dwar l-iskeda l-ġdida ta' ġbir ta' Skart li se tidħol fis-seħħ mit-2ta' Jannar 2022. Kien hemm il-qbil

sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb li jitqassam il-fuljett bl-iskeda l-ġdida f'kull residenza fil-lokalita'li saret mir-Reġjun Għawdex.

49.13.8 Direttiva 2/2021 dwar l-ingaġġ ta' Contracts Manager li fiha elenkat il-modi ta' kif jiġi ngaġġat kif ukoll l-rwol ta' Contracts Manager.

49.13.9 Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex fejn ġejna nfurmati li qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għall-Assistant Clerk u dawn l-applikazzjonjiet jagħlqu fl-20ta' Diċembru 2022.

49.13.10 PA/02028/22 u PA/07705/22 ġew ppublikati fuq il-gazzetta tal-Gvern u qed jiġu ppreżentati.

49.13.11 Ċirkulari numru SPI/SCI/114/2022 dwar korsijiet Lifelong Learning 2023/2024 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim tul il-Ħajja. Kull kunsill li huwa nteressat huwa mitlob li jissottometti l-applikazzjoni sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 31ta' Jannar 2023.

49.13.12 Korrispondenza mingħand id-DLG b'informazzjoni dwar il-Konferenza li se tittella fil-15ta' Diċembru 2022 ġewwa l-Intercontinental Malta fuq in-Norway Grants. Reġistrazzjonijiet huma miftuħa sat-Tnejn, 12 ta' Diċembru 2022.

49.13.13 Irċivejna invit mingħand l-Arts Council Malta għat-tnedija tal-Istrateġija Reġjonali tal-Kultura li nżammet fis-16ta' Diċembru 2022 fl-10.30a.m fl-Universita ta' Malta.

49.13.14 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar l-European Year of Youth 2022 fejn ir-Reġjun qed jipprepara biex jimplimenta proġett żgħir mal-Youth Ambassadors matul ix-xahar ta' Diċembru 2022 b'fondi mill-European Union Programmes Agency taħt il-European Year of Youth Activity Scheme 2022. Ir-Reġjun ħareġ bl-ideja li l-Kunsilli jipprovdu 6 kopji ta' kotba sabiex jingħataw lit-tim rebbieħ li jikkonsisti minn 6 parteċipanti. Il-Kunsill lokali Fontana ppreżenta 6 kopji tal-kotba *The Village of Valleys of Springs.*

49.13.15 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Qed issir referenza għall-website uffiċjali tal-Kunsilli Lokali li hija mmaniġġjata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u din qed tiġi aġġornata bl-għajnuna tal-IMU. Din il-website ser tkun immaniġġjata ċentralment u ser tkun finanzjata kollha mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Id-Diviżjoni qed tenfasizza li kull kunsill li għandu website individwali jagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex titneħħa u ma tibqax tintuża sabiex tibqa biss il-website komuni bħala l-unika website uffiċjali.

49.13.16 Korrispondenza mingħand il-Ministeru Għal Għawdex dwar programm ta' attivitajiet relatati ma Jum San Valentinu li se jibda mil-Ġimgħa, 3 ta' Frar u jibqa għaddej sat-Tlieta, 14ta' Frar 2023. Għalhekk ġejna mitluba ninfurmawhom b'avvenimenti relatati sabiex jiġu nklużi fi programm wieħed.

49.13.17 Issa li l-Kunsill ingħata l-fondi sabiex isir il-proġett ta' porfido fi Triq il-Għajn taħt ir-railing l-Kunsill talab lis-Surveyor Andrew Mizzi sabiex jipprepara t-topographical survey ħalli l-Perit Bezzina jkun jista jipprepara l-Bill of Quantities.

49.13.18 Ittra mingħand Reġjun Għawdex sabiex għal sena oħra terġa tingħata ikla tal-Milied lil dawk l-anzjani, morda u persuni vulnerabbli li jgħixu waħedhom. Il-Kunsilli Lokali huma mistiedna jipparteċipaw fl-għoti ta' din l-ikla u għandhom jibgħatu tweġiba sal-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru 2022. Peress li l-Kunsill ilu jorganizza din l-ikla mill-2005, mhux ser jieħu sehem.

49.13.19 Ittra mingħand is-Sur Michel Angelo Muscat fejn qed iressaq it-talba għal għajnuna finanzjarja ta' €300 sabiex jittella kunċert tal-Milied bl-isem *A taste of Christmas*, fil-Knisja Parrokkjali tal-Fontana. Il-Kunċert ried jittella fil 11ta' Diċembru 2022.

49.13.20 Stedina mill-AKL għall-aħħar Seminar li sar l-Erbgħa. 14ta' Diċembru 2022 ġewwa l-Kitchen Gardens. Dan is-Seminar sar b'kollaborazzjoni ma Richmond Foundation.

49.13.21 Irċevejna l-ħlas mill-Wasteserv ta' €8014.39 li jkopru l-fatturi għall-ġbir organiku matul ix-xhur minn Jannar sa Awwissu 2022.

49.13.22 Irċevejna mingħand id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex se jkun qiegħed jikkordina l-attivitajiet tal-Għid 2023 f'Għawdex. Għalhekk il-Kunsill qed jiġi mitlub jinfurmhom bid-dettalji tal-proġetti proposti, kull talba għall-appoġġ u ritratti ta' attivitajiet li saru f'dawn l-aħħar snin sa mhux aktar tard mill-Ħadd, 15ta' Jannar 2023.

49.13.23 Talba mingħand il-Perit Emanuel Vella sabiex il-Kunsill jagħti l-*clearance* tiegħu fuq PA1515/21 – Xambekk, Triq ta' Mulejja, Fontana. Dan sabiex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja. Irċivejna ritratti qabel u wara li sar ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ dan il-*clearance*.

49.13.24 Ittra mingħand Chris Gauci dwar it-tiswijiet tal-bozoz fil-lokalita'. Il-Kunsill ħa nota ta' dan. Il-Kunsill kitiblu diversi imejls sabiex jibdel bozoz li baqgħu ma sarux għal tul ta' żmien u lanqas kien ikun infurmat jekk il-bozoz inbiddlux jew le għaliex ma kienx iwieġeb it-telefonati, tant

li la sar l-aħħar fanal li kellu jitwaħħal kif ukoll diversi lampi li kellom jinqalgħu. Ir-residenti ma jistgħux jitħallew fid-dlam għal tul ta' żmien u għalhekk tqabbad is-Sur Joe Louis Caruana sabiex id-dwal jerġgħu jixgħelu kemm jista jkun malajr.

49.13.25 Korrispondenza mingħand Gozo Action Group Foundation dwar sejħa għall-Miżura 3 – GAG3 – 'Attrazzjonijiet Għawdxin u Avvenimenti Innovattivi għall-istaġuni kollha taħt il-programm LEADER 2014-2020

49.13.26 Irċvejna kopja ta' ittra li residenta li toqgħod fi Trejqet Bieb il-Għajn bagħtet lil diversi fosthom lill- Ministru Hon. Owen Bonnici, lis-Segretarju Parlamentari s-Sinjura Alison Zerafa Civelli u lid-Direttur Generali fost oħrajn. Dan dwar ħmieġ li skont hi hemm fi Trejqet Bieb il-Għajn. Fl-ittra ilmentat dwar ħmieġ ta' klieb li qed jkun hemm fl-istess sqaq u għalhekk talbet lill-Kunsill sabiex jagħmel CCTV camera. Il-Kunsill wieġeb lis-Sinjura Meilak u spjegala li l-kunsill mhux f'pozizzjoni li jiffinanza CCTV cameras, pero jekk jkun hemm min jaċċetta jista jwaħħal tabelli ma propjeta ta' min jkun aċċetta sabiex is-sqaq jinżamm nadif. Il-Kunsill kien diġa qiegħed jieħu ħsieb li dan is-sqaq jinħasel aktar regolarment, u l-aħħar li nkines kien jumejn ilu, nhar is-Sibt, kif ukoll li hemm min qed jagħlef il-qtates fl-istess sqaq bil-konsegwenza li dan jitħammeġ, filwaqt li ressaqna dan l-ilment lill-puluzija tal-kommunita.

49.13.27 Il-Kunsill iddiskuta l-proposta li din is-sena ssir ikla tal-Milied għall-membri u l-istaff. Din il-proposta ntlaqgħet u ġie miftiehem li din tinżamm għand ir-restaurant iċ-Ċima fix-Xlendi nhar il-5 ta' Jannar 2023.

**49.14 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mingħand il-Kunsilliera.

**49.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 38/2022 għal perjodu ta' bejn l-23 ta' Novembru 2022 u t-22 ta' Diċembru 2022 li tammonta għal €19,537.20 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xahar ta' Diċembru.

**49.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-19.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2023 fil-17.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Konfermati, llum it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2023.

Saviour Borg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

(A)

Case Number: PA/04694/21
Report Name: Board Minutes

Date : 19 Jul 2022

Planning Commission – Outside Development Zone and Urban Conservation Areas

The Planning Commission agreed to suspend this application for three months.

Perit is requested (without prejudice to final decision) to address the reasons for refusal and to liaise with the Transport Malta for their clearance.

Directorate - To assess latest information, to clarify whether reasons for refusal have been addressed or otherwise. Prepare conditions accordingly.

Mr Martin Camilleri (Chairman); Mr Anthony Borg and Mr Frank Ivan Caruana Catania present

Perit present

Time 10:01AM

---

Date : 11 Oct 2022

Planning Commission – Outside Development Zone and Urban Conservation Areas

Approved 3-0

Fine is applicable if this application is approved and is sanctioning illegalities on site.

Mr Martin Camilleri (Chairman); Mr Anthony Borg and Mr Frank Ivan Caruana Catania present

Justification: The latest drawings (to be submitted) are considered to address the reasons for refusal since Transport Malta clearance was obtained and considering also that the proposed height of building would be compatible with the either existing height of buildings in the area and it is considered adequately stepped from the highest to the lowest street levels. Furthermore, the second-floor level would not create unnecessarily blank party walls.

Perit is to submit amended drawings to setback the roof structure proposed at second floor level from the party wall by 1m and to treat the same elevation.

Perit and Applicant present

Perit Anthony C Bezzina obo Fontana Local Council present

Time 09:52AM

---



S. Borg

Agreement entered into between:

The **Fontana Parish** and the **Fontana Local Council**,
collectively called "the Parties"

Whereas:

i) The Fontana Local Council has expressed an interest in the restoration of the two statues, of St. Peter and St. Paul, located on the parish church façade;

ii) And whereas the Fontana Parish finds no objection to the undertaking of the said restoration works by the Fontana Local Council as long as the Fontana Local Council does not thereby acquire any rights over said statues/property;

The Parties have agreed on the following:

i) The Fontana Local Council undertakes to make all arrangements necessary and cover all expenses related to the restoration of the two statues, excluding arrangements and expenses related to the professional services of the warranted restoration architect referred to hereunder. Expenses to be covered by the Fontana Local Council out of its own financial resources will thus inter alia include:
   - The commissioning of a surveyor/draughtsman to carry out an accurate survey of both statues and prepare all digital (Acad) drawings, including mapping of deterioration drawings, required for the submission of an application for development permission to the Planning Authority. The submitted drawings shall need to be to the satisfaction of the warranted restoration architect referred to hereunder.
   - The payment of building levy fees, monitoring fees and any other fees relating to the PA permit.
   - The commissioning of a contractor able to mount all scaffolding necessary to execute the restoration works. All scaffolding must be mounted in such a way as to cause no damage whatsoever to the property of the Fontana Parish Church.
   - The commissioning of a contractor, to carry out the restoration works in accordance to the issued PA permit and directions to be given, during the course of works, by the warranted restoration architect referred to hereunder and, if applicable, by the warranted restorer referred to hereunder. The appointed Contractor is to have proven experience in the restoration of historic monuments in local stone, carried out in accordance with best practice restoration principles. The appointed contractor must also be acceptable to and approved by the Fontana Parish. It shall be the Fontana's Local Council responsibility to see that the appointed contractor takes out insurance cover against any loss or damage to the works and adjoining property and against third party liability bodily injury and/or death and/ or property damage, which insurance cover is to remain valid up till completion of works. The Fontana Parish shall in no way be held responsible/ liable for the safety of the Contractor's workforce or for any claims by third parties for damage to property or personal injuries arising from the execution of the works.
   - The commissioning of an approved Health and Safety Officer to assume the role of the Project Supervisor for the Design and Execution stage and to fulfil all of the obligations set out in the Legal Notice 88/2018. The appointed Health and Safety Officer shall also be responsible for the valid certification of all scaffolding to be used throughout the works and the expenses of such certification shall also be borne by the Fontana Local Council.
   - The commissioning of a warranted restorer-conservator if so requested by the conditions of the Planning Authority Permit and/ or other local statutory entities.
   - Any other expenses which may become necessary, in due course, for the proper execution of the restoration works on the two statues.

ii) The Fontana Parish, through the Projects Coordination Office of the Gozo Diocese, will be providing the services of a warranted Perit/ restoration architect. The said restoration architect will be responsible:

- for liaising with the surveyor/ draughtsman appointed by the Local Council;
- preparing the documentation leading to the submission of an application for development permission to the Planning Authority and following up with the PA as necessary up till issue of permit;
- assisting the Local Council in issuing a quotation for the appointment of a contractor to do the works by preparing the required specifications and BOQ;
- supervising the on-site restoration works following issue of the PA permit.

iii) The Project shall be principally administered by the Fontana Local Council, which Council undertakes to collaborate with the Fontana Parish wherever necessary. The Fontana Local Council warrants to keep the Fontana Parish regularly informed on the programme and progress of works and to seek the Fontana Parish's approval in case of need of any amendments whatsoever to this agreement. The Fontana Local Council shall also ensure unhindered access into the Fontana Parish Church at all times, and shall seek the Fontana Parish's approval and go-ahead on all on-site arrangements to be made during the course of works.

iv) Saving any force majeure or any occurrence beyond the control of any of the Parties, all works covered by this agreement are intended to be carried out in 2023. Collaboration between the Fontana Local Council and the Fontana Parish leading to the submission of the application for development permission to the PA will start immediately following signature of this agreement. Taking into consideration the village feast, and the need not to have any scaffolding whatsoever on the facade during said feast, it is being agreed that on-site works will be taken in hand after the village feast including the related dismantling of the church facade's lights/ decorations, subject to the PA permit having been issued by then.
This agreement will terminate upon completion of the restoration works. This agreement will be extended accordingly if works extend beyond 31/12/23.

v) The Fontana Local Council shall have the right to publicise/ promote its involvement in the project in press releases and printed matter. In such cases the prior approval of the Fontana Parish is to be sought on the wording to be used. The Fontana Local Council shall not on the other hand have the right to install plaques or other fixed, permanent fixtures on site.

**Appearing for the Fontana Local Council:**

| **Mayor:** | | **Executive Secretary:** | |
|---|---|---|---|
| Signature | [signature] | Signature | [signature] |
| Full name | SAVIOUR BORG | Full name | HEIDI GRECH |
| I.D. No. | 12189 (G) | I.D. No. | 171793(M). |

**Appearing for the Fontana Parish:**

| **Parish Priest:** | | **Gozo Diocese Administrative Secretary:** | |
|---|---|---|---|
| Signature | Simon M Cachia | Signature | [signature] |
| Full name | Simon Mario Cachia | Full name | ANTHONY BEZZINA |
| I.D. No. | 43085 G | I.D. No. | 2256 G |

Date: 20/1/2023.



SMC

S. Borg

[initials]